Għal dawn il-motivi, it-talba tar-rikorrent għal-libertà provvizorja hija miċħuda.

---

**26 ta' Lulju, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Dr. Lawrence Pullicino

**Ħelsien mill-Arrest – Revoka *"Contrario Imperio"* – Kompetenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali**

*Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali m'għandhiex ġurisdizzjoni tirrevoka "contrario imperio" digriet ta' Qorti oħra. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali għandha biss ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni ta' appelli magħmula skond it-Titolu V tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u l-funzjoni tagħha hija ta' Qorti ta' Appell li tirrevedi deċiżjonijiet li minnhom jista' skond it-Titolu msemmi jsir appell u konsegwentement tikkonferma, tannulla jew tirrevoka d-deċiżjoni ta' l-ewwel grad.*

1. Fl-10 ta' Marzu, 1993, l-imsemmi dottor Pullicino, wara l-verdett tal-ġurija, b'sentenza tal-Qorti Kriminali ġie kkundannat għal ħmistax-il sena (15) priġunerija. Minn din is-sentenza huwa interpona appell quddiem din il-Qorti li għad irid jiġi appuntant, ikkonsiderat u deċiż;

2. Fil-15 ta' Marzu, 1993, l-istess dottor Pullicino talab lil din il-Qorti li huwa jinħeles mill-arrest bil-garanzija, pendenti d-deċiżjoni ta' l-appell, u li bħala garanzija sservi s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf lira (Lm25,000) ġà ddepożitata fil-Qorti Kriminali, li però fis-7 ta' Jannar, 1993;

"...ġiet inutilment iddikjarata mitlufa billi, issa li sar il-ġuri, wara kollox irriżulta li Nikol Cutajar, ma kienx xhud tal-Prosekuzzjoni u ma ġiex prodott minnha bħala xhud fl-istess ġuri, jew taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li għandha timponi fiċ-ċirkostanzi";

3. Fit-30 ta' April, 1993, din il-Qorti ċaħdet dik it-talba u qalet:

"Fiċ-ċirkostanzi attwali, ma jirriżultax li d-digriet tal-Qorti Kriminali tas-7 ta' Jannar, 1993, li għal kull buon fini, għadu viġenti, jista' ma jikkostitwix ostakolu fit-termini ta' l-artikolu 581 tal-Kap. 9 biex din il-Qorti takkolji t-talba tar-rikorrent għal-libertà provviżorja mill-ġdid";

4. Fl-10 ta' Mejju, 1993, Dr. Pullicino ppreżenta rikors fejn talab (a) irrevoka *"contrario imperio"* tad-digriet imsemmi tas-7 ta' Jannar, 1993, mogħti mill-Qorti Kriminali, u (b) sabiex din il-Qorti takkordalu mill-ġdid il-libertà provviżorja skond l-artikolu 509 tal-Kodiċi Kriminali;

5. Ir-rikorrenti jesponi illi l-appell li huwa għandu pendenti quddiem din il-Qorti m'huwiex ħlief fażi differenti ta' l-istess kawża li bdiet bil-ġuri, u ġaladarba ġie ritenut li l-ġuri u l-appell m'humiex ħlief żewġ fażijiet ta' l-istess kawża, din il-Qorti ta' Appell Kriminali għandha indubjament is-setgħa li tirrevoka d-digriet impunjat *"contrario imperio"* u dan mhux bħala appell mill-istess digriet, imma bħala varjazzjoni jew tibdil li kull Qorti għandha d-dritt li tagħmel fid Digrieti Tagħha li jkunu jirregolaw l-andament tal-proċess;

6. Din is-sottomissjoni hija korretta meta tirrepeti dak li jidher ormai li huwa paċifiku – u ċjoè li l-ġuri u l-appell mis-sentenza f'dak il-ġuri, huma fażijiet suċċessivi ta' l-istess kawża, iżda qiegħed **jassumi** li l-proċediment li ġie konkluż bid-digriet li ngħata mill-Qorti Kriminali fis-7 ta' Jannar, 1993 – meta dik il-Qorti rrevokat il-libertà provviżorja konċessa lir-rikorrent – jifforma parti integrali mill-kawża li fiha Dr. Pullicino kellu jirrispondi għall-Att ta' Akkuża numru 7/1989 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta *vs* Dottor Lawrence Pullicino. Hija din l-assunzjoni li din il-Qorti jeħtiġilha li, fl-ewwel lok, tindaga;

7. Huwa neċessarju li jiġu rreġistrati l-artikoli rilevanti li jridu jiġu kkonsiderati għas-soluzzjoni tal-kwistjoni;

(a) L-artikolu 579 Kap. 9 jgħid:

"Jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall-ordni ta' l-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kundizzjoni fiha imposta, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest, jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jintereferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod

ieħor jistralċja jew jipprova jistralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew xi persuna oħra, is-somma *msemmija* fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta u barra minn dan, jiġi maħruġ *mandat ta' arrest kontra tiegħu*;

Iżda din id-disposizzjoni m'għandhiex tapplika meta l-Qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta l-obbligazzjoni tal-garanzija m'hijiex ta' konsegwenza serja'';

**L-artikolu 581** Kap. 9, li għaliha ġà saret riferenza fil-paragrafu 3 *supra*, jgħid illi:

''Fil-każ imsemmi fl-artikolu 579, lill-arrestat ma jistax jerġa' jiġi mogħti l-ħelsien mill-arrest fl-istess kawża'';

u mill-kliem ''fl-istess kawża'' huwa diffiċli biex ma jiġix ritenut illi dak li jiġri matul il-proċeduri li jkollhom x'jaqsmu mal-kwistjoni tal-libertà provviżorja ta' l-arrestat, ma jifformawx parti, inċident jew fażi, ta' l-proċediment prinċipali – li jibda mill-kumpilazzjoni u jispiċċa bis-sentenza finali, fuq il-ħtija *o meno* ta' l-akkużat u l-piena, meta jkun il-każ;

8. Dan stabbiliti, irid issa jiġi ddeterminat x'inhi l-kompetenza u l-funzjoni ta' din il-Qorti rigward din l-imsemmija parti, inċident, jew fażi, tal-kawża prinċipali;

9. Ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti jogħġobha: a) tirrevoka *''contrario imperio''* d-digriet tal-Qorti Kriminali tas-7 ta' Jannar, 1993, li bih ġie mċaħħad mil-libertà provviżorja u l-garanzija tal-Lm25,000 ġiet iddikjarata mitlufa favur il-Gvern ta' Malta u b) li din il-Qorti jogħġobha takkordalu mill-ġdid il-libertà provviżorja skond l-artikolu 509 tal-Kodiċi Kriminali

(Kap. 9), taħt dawk il-provvedimenti xierqa, possibilment taħt l-istess garanzija ġà fuqu imposta jew oħra inqas, *stante* li issa l-entità tar-reat li għadu jinsab akkużat bih hu ferm inqas minn dawk li oriġinarjament kien jinsab akkużat bihom meta ngħata l-libertà provviżorja l-ewwel darba;

10. M'hemmx dubju, u dan din il-Qorti diġà ddikjaratu fis-sentenza tagħha tat-30 ta' April, 1993, illi l-artikolu 581 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) huwa ċertament ta' ostakolu biex ir-rikorrent jingħata ħelsien mill-arrest **mill-ġdid.** Dan qed jingħad l-ewwel u qabel kollox għax ir-rikorrent fir-rikors tiegħu abbina ż-żewġ talbiet u għamel it-tieni talba pedissekwa għall-ewwel waħda. Però, anke li kieku ż-żewġ talbiet kellhom jiġu kkunsidrati bħala indipendenti minn xulxin jew anki kieku kellu jittieħed li t-tieni talba ma saritx, din il-Qorti wkoll tara li m'għandhiex ġurisdizzjoni tirrevoka "*contrario imperio*" digriet ta' Qorti oħra. Din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell għandha biss ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni ta' appelli magħmula skond it-Titolu V tat-Taqsima I tat-tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) u l-funzjoni tagħha hija ta' Qorti ta' Appell li tirrevedi deċiżjonijiet li minnhom jista' skond it-Titolu msemmi jsir appell u konsegwentement, tikkonferma, tannulla jew tirrevoka d-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad;

11. Konsegwentement din il-Qorti tara li sew kif impostata t-talba kif ukoll kieku kellha tħares lejha bil-mod imsemmi, m'għandhiex dritt tiegħu konjizzjoni tar-rikors. Dak li għandha dritt tagħmel din il-Qorti huwa biss dak li jipprovdi l-artikolu 498 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) u ċjoè li għall-finijiet u bla ħsara tad-disposizzjonijiet tat-Titolu msemmi hija għandha s-setgħa kollha li tiddeċidi skond l-istess Titolu, kull kwistjoni li jeħtieġ li tiġi deċiża sabiex issir ġustizzja fil-kawża li tkun

quddiemha u din il-Qorti ma tonqosx li jekk ikun il-każ tiddeċidi dak li hu meħtieġ jiġi deċiż, biex issir ġustizzja f'din il-kawża;

Għal dawn il-motivi tiċħad it-talba.